# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 865/00**

**Numru 31**

**Aquatess Limited**

**vs**

**John Friggieri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba mitt lira Maltin (Lm700) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000, 11 ta' Jannar 2000, 24 ta' Awissu 1999, 8 ta' Lulju 1999 u 7 ta' April 1999, u bl-imghax tat-8% fuq Lm700 mis-7 ta' April 1999 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 4 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-6 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm700.00,0 bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mis-7 ta' April 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' April 1999, tat-8 ta' Lulju 1999, tal-24 ta' Awissu 1999, tal-11 ta' Jannar 2000 u tal-24 ta' Mejju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg